# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Frar, 2002**

**Numru**

**Appell Krim. Numru: 261/99 NA (G)**

**Il-Pulizija (Spettur Joseph Grech)**

**vs**

**Anna Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanti fuq talba tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici talli hija ghamlet jew gieghlet jew halliet li jsir xi haga f'Site L, Dahlet Qorrot, limiti tan-Nadur, Ghawdex li ghaliha huwa mehtieg permess skond l-Artikolu 16 (1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra mill-piena stabbilita mil-ligi tapplika l-provvedimenti kollha skond l-Artikolu 17 sub-incizi (1) (3) u (8) u l-Artikolu 18 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' xi dritt illi l-appellanti ghandha fil-proprjeta' immobbli li dwarha sar ir-reat u dan b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 17A tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Ottubru 1999 illi permezz taghha l-appellanti nstabet hatja ta' l-akkuza kif dedotta kontra taghha u, wara li rat l-Artikoli 16 u 17 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta kif vigenti fl-1990, id-data li ghaliha jirriferu l-imputazzjoni, u dan skond l-Artikolu 63A ta' l-Att Numru I tal-1992, ikkundannat lill-istess appellanti ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltija (Lm50) u giet ordnata tottempora ruhha mal-ligi billi tiddemolixxi l-kostruzzjoni lamentata sa zmien xahar mid-data tas-sentenza fuq penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) *ammenda* kull jum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors ta' l-appellipprezentat mill-appellanti fl-1 ta' Novembru 1999 illi permezz tieghu l-istess appellanti ddikjarat li hasset ruhha aggravata mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-

Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Ottubru 1999 u talbet li din is-sentenza tigi revokata u li hija tigi liberata minn kull imputazzjoni u htija.

Ikkonsidrat l-aggravji ta' l-appellanti kif dedotti fir-rikors ta' l-appell taghha, konsistenti, principalment, fis-segwenti:-

(i) illi l-appellanti, la hija personalment u lanqas tramite terzi persuni ma ghamlet jew halliet li jsir xi haga fuq Site L, f'Dahlet Qorrot, limiti tan-Nadur u kull ma sar kien semplici tiswija ta' *boathouse* diga' ezistenti ghal liema xogholijiet ma kien mehtieg ebda permess;  u

(ii) illi l-appellanti mhijiex il-proprietarja tas-sit in kwistjoni u l-Prosekuzzjoni  ma gabet ebda prova f'dan ir-rigward;

Semghet il-provi kollha prodotti w id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg partijiet;

Rat in-nota ta' riferenza prezentata mill-Avukat Generali fit-12 ta' Lulju 2001;

Ikkunsidrat:-

Illi l-mertu ta' din il-kawza in succint jikkonsisti fl-allegat bini ta' *boathouse* minn naha ta' l-appellanti f'Dahlet Qorrot, limiti tan-Nadur. L-appellanti kienet applikat mal-PAPB ghall-hrug tal-permess izda din l-applikazzjoni kienet giet irrifjutata.

Illi qabel xejn din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar id-dewmien ezagerat fis-smiegh ta' din il-kawza, u dan tenut kont tal-fatt illi l-akkuzi kontra l-appellanti nhargu fl-24 ta' Ottubru 1990 u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti inghatat disa' snin wara. Dan id-dewmien ezagerat jiehu proporzjonijiet izjed inaccettabbli meta wiehed iqis illi l-provi kollha prodotti ma kienu xejn ghajr zewg xhieda da parti tal-Prosekuzzjoni filwaqt illi d-difiza ghazlet illi ma tressaq ebda provi. Din il-Qorti tiddeplora dan id-dewmien, illi, fir-realta', fil-parti kbira tieghu kien b'rizultat ta' talbiet u rikorsi ghal differimenti prezentati wiehed wara l-iehor minn naha ta' l-appellanti, u tiddikjara illi tali dewmien, tenut kont ukoll tan-natura, ta' l-imputazzjonijiet dedotti iwassal biex kwazi jiznatura u jimmina

l-istess process tal-gustizzja u jigri b'mod anqas gustifikabbili, kif gara fil-kaz prezenti, illi l-ligi applikabbili ma tkunx dik vigenti.

Illi wara li din il-Qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet illi kienu debiti fil-kaz odjern, qabel xejn sejra tghaddi biex taghmel riferenza ghall-provvedimenti tal-ligi applikabbili ghall-kaz odjern.

L-Artikolu 16 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-istess bhad-dispozizzjonijiet l-ohra kollha kontenuti fit-Titolu I tal-Kap. 10, gie mhassar bil-provvedimenti ta' l-Artikolu 63 ta' l-Att Numru I tal-1992, kien jipprovdi illi l-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici jiddikjara liema huma dawk il-postijiet f'Malta u Ghawdex illi fihom jista' jsir zvilupp ta' bini, u ebda persuna ma tista' taghmel zvilupp ta' bini minghajr il-permess relattiv. L-Artikolu 17 tal-Kap. 10 jipprovdi illi kull persuna illi taghmel, iggieghel jew tippermetti li jsiru xogholijiet illi ghalihom huwa mehtieg permess ai termini ta' l-Artikolu 16 tal-Kap. 10 minghajr tali permess ikun hati ta' offiza kriminali punibbli b'multa ta' mhux anqas minn hamsin lira Maltija (Lm50) u mhux izjed minn mitt lira Maltija (Lm100). L-istess provvediment tal-ligi jistipula, f'sub-inciz (3), illi minbarra l-

piena l-Qorti tista' tordna lill-hati sabiex jirrimwovi u jiddemolixxi kull zvilupp illi huwa jkun wettaq minghajr il-permess mehtieg u dan entro t-terminu massimu ta' tliet (3) xhur u, fin-nuqqas, l-istess hati ghandu jkun kundannat ghall-hlas ta' multa ta' mhux inqas minn hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) u mhux izjed minn hamsin lira Maltija (Lm50) ghal kull jum ta' ritard.

L-Artikolu 63 ta' l-Att I tal-1992 jipprovdi, kif fuq gja spjegat, ghat-thassir tad-dispozizzjonijiet kollha kontenuti fit-Titoli I tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta, izda jipprovdi wkoll illi "*kull reat maghmul kontra xi wahda mid-dispozizzjonijiet imhassra b'dan l-Artikolu [u ghalhekk inkluz l-Artikoli 16 u 17 tal-Kap. 10] ghandu jibqa' reat kontra dawk id-dispozizzjonijiet u jistghu jinbdew u jitkomplew proceduri dwaru bhal li kieku dawk id-dispozizzjonijiet ghadhom fis-sehh, bla hsara ghall-applikazzjoni, dwar kull att jew ommissjoni li tikkostitwixxi dak ir-reat, tad-dispozizzjonijiet tas-sub-inciz (2) ta' l-Artikolu 51 ta' dan l-Att.*"

L-Artikolu 51 (2) ta' l-Att Numru I tal-1992, illi ssir riferenza ghalih fl-Artikolu 63 ta' l-istess Att, jipprovdi illi "*l-Awtorita' [ta' l-Ippjanar] ghandha wkoll tirrevedi l-izvilupp kollu li sar qabel*

*il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att minghajr ma gew osservati l-pjanijiet jew 'policies' fis-sehh fiz-zmien li l-izvilupp ikun sar;  u dwar kull zvilupp bhal dan l-Awtorita' jkollha s-setghat kollha li ghandha dwar zvilupp li jsir wara li jibda jsehh dan l-att biex tizgura li l-pjanijiet u l-'policies' imsemmija qabel jigu mwettqa, jew, jekk dan ma jistax ragjonevolment isir, biex tirregolarizza kull zvilupp bhal dak safejn l-Awtorita' tqis li huwa xieraq fic-cirkostanzi*."

Illi ghaldaqstant, fir-rigward ta' l-akkuzi illi saru kontra l-appellanti fil-kaz odjern, japplikaw il-provvedimenti fuq citati ta' l-Artikoli 16 u 17 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta qabel dawn ma gew imhassra bil-provvedimenti ta' l-Artikolu 63 ta' l-Att Numru I tal-1992, kif fuq gja spjegat.

Illi din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina l-provi prodotti fil-kawza odjerna.

Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni  jikkonsistu fix-xhieda ta' Anthony Ellis, illi fiz-zmien in kwistjoni kien impjegat bhala *building inspector* mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, u Mark Cini, ufficjal ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar f'Ghawdex.

Ix-xhud Anthony Ellis qal illi fl-1989 f'Dahlet Qorrot kienu qed jinbnew hafna *boathouses* minghajr permess, fosthom dik ta' l-appellanti.  Spjega illi kienet saret *inspection* flimkien ma' P.S. 1305 Joe Camilleri illi ndikalhom min kienu s-sidien ta' dawn il-*boathouses*, u kien sar ukoll *sketch* illi jinsab esebit a fol. 3 tal-process fejn il-*boahouse* ta' l-appellanti hija ndikata bl-ittra "L".  Qal ukoll illi fil-15 ta' Marzu 1990 kienet saret applikazzjoni minn Anna Calleja li ggib in-numru 1273/1900, li kopja taghha tinsab esebita a fol. 4 tal-process, u din l-applikazzjoni kienet giet rifjutata b'decizjoni moghtija fit-28 ta' Gunju 1990, kopja ta' liema hija esebita a fol. 5 tal-process.

Fuq domandi illi sarulu in kontro-ezami, ix-xhud Anthony Ellis qal illi lill-appellanti qatt ma kien kellimha u l-ewwel darba li raha kien il-Qorti waqt is-smiegh tal-kawza.  Qal ukoll illi huma istitwew il-proceduri kontra l-appellanti fir-rigward tas-sit markat bl-ittra "L" fuq li *sketch* esebit a fol. 3 tal-process a bazi ta' dak li kien qalilhom u ndikalhom PS1305 Joe Camilleri.  Qal ukoll illi huwa ma jafx jekk precedentement kienx hemm *boathouse* antika fuq l-istess sit.

Ix-xhud Mark Cini fisser illi fiz-zmien meta kienu qed jinbnew *boathouses* f'Dahlet Qorrot kienet saret spezzjoni, sar *sketch*

u kull *boathouse* giet immarkata b'ittra partikolari, b'dik ta' l-appellanti tigi mmarkata bl-ittra "L". Tenna wkoll li l-informazzjoni dwar min kienu s-sidien kienet ingabret bl-ghajnuna tal-Pulizija, u huma qaghdu fuq l-informazzjoni li kienu tawhom il-Pulizija.

Mistoqsi in kontro-ezami kif jispjega illi l-appellanti tinsab mixlija illi bniet *boathouse* fuq "Site L" indikata fli *sketch* esebit mix-xhud tal-Prosekuzzjoni Anthony Ellis filwaqt illi mill-applikazzjoni esebita jirrizulta illi l-appellanti applikat biex tizviluppa "Site F", ix-xhud Mark Cini spjega illi dan li *sketch* ma kienx *to scale*.

Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi jirrizulta b'mod car illi l-proceduri da parti tal-Prosekuzzjoni f'din il-kawza tmexxew b'mod pjuttost superficjali. Hekk per ezempju, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq bhala xhud lil PS 1305 Joe Camilleri illi skond ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess kien il-persuna illi ndikalhom illi "Site L" fuq li *sketch* kienet il-*boathouse* li tappartjeni lill-appellanti. Dan mhuwiex xi xhud illi kien hemm diffikulta' partikolari biex wiehed iressqu, xi xhud illi wiehed ma jafx fejn jirrisjedi jew jahdem izda xhud illi dak iz-zmien, ta' l-inqas, kien membru tal-Korp tal-Pulizija u

kien imperattiv illi tali xhud, illi kien *a prime witness*, jigi prodott. Il-Prosekuzzjoni pero' dehrilha illi setghet tghaddi minghajr dan ix-xhud. Huwa inspjegabbli wkoll il-mod kif inharget l-akkuza, u cioe' kif minflok ma l-appellanti giet akkuzata illi bniet bini minghajr permess fuq "Site F", kif jirrizulta mill-applikazzjoni maghmula mill-istess appellanti, u cioe' minn dokumentazzjoni ufficjali illi kienet, jew almenu messha kienet, f'idejn il-Prosekuzzjoni fiz-zmien meta nharget l-akkuza, giet akkuzata illi ghamlet zvilupp minghajr permess fuq "Site L", u dan a bazi ta' pjanta mhux ufficjali redatta *on site* u li skond l-istess xhud Mark Cini lanqas biss kienet *to scale*.

Illi huwa principju kardinali fil-kamp penali illi l-akkuza kontra l-akkuzat trid tigi ppruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, u kull dubju ragjonevoli ghandu jimmilita a favur ta' l-akkuzat - *in dubio pro reo*. Huwa principju kardinali wkoll illi l-Prosekuzzjoni ghandha d-dmir illi tipproduci l-ahjar prova, xi haga illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni certament illi naqset milli taghmel. Jirrizulta mix-xhieda kemm ta' Anthony Ellis u kif ukoll ta' Mark Cini illi n-ness bejn l-appellanti w il-bini illi sar fuq "Site L" gie stabbilit unikament a bazi ta' dak li kien qal u indika PS 1305 Joe Camilleri, u ghaldaqstant dan ma

jikkostitwixxi xejn ghajr *detto del detto* illi ma jista' qatt iservi biex tinstab htija fil-kaz odjern.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti qieghdha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fl-20 ta' Ottubru 1999 illi permezz taghha l-appellanti instabet hatja ta' l-akkuza kif dedotta kontra taghha u qed tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija.

Illi pero' jonqos illi tigi kkonsidrata kwistjoni ohra illi temani mil-provvedimenti ta' l-Artikolu 17 (9) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-iskop tieghu huwa sabiex jigi mnehhi l-istat ta' illegalita' li jkun jezisti malgradi l-possibbli liberazzjoni ta' l-imputat.  Il-kwezit principali illi din il-Qorti trid tezamina huwa jekk jirrizultax illi l-bini li hemm kostruwit fuq "Site L" kif indikata fil-pjanta esebita mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 tal-process giex zviluppat legalment, u cioe' skond il-permessi u/jew il-*policies* vigenti dak iz-zmien, o meno.

Illi mix-xhieda partikolarment ta' Mark Cini, ufficjal ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, u mill-atti processwali jirrizulta illi l-*boathouse* mibnija fuq "Site L" mhijiex koperta b'permess validu tal-bini, inbniet ghalhekk minghajr il-permessi mehtiega

u bi ksur tal-ligi u huwa gust u xieraq illi dan l-istat ta' illegalita' jigi rimedjat bit-tnehhija ta' dan l-istess bini llegali.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi din il-Qorti tilqa' l-appell interpost mill-appellanti, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fl-20 ta' Ottubru 1999 illi permezz taghha l-appellanti nstabet hatja ta' l-akkuza kif dedotta kontra taghha u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija, bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 17 (9) u 321 (6) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-bini in kwistjoni jigi mnehhi mill-Pulizija Ezekuttiva bi spejjez taghha, salv kull dritt ta' l-istess Pulizija Ezekuttiva ghar-rimbors *si et quatenus*.

Deputat Registratur

rf.